**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 53/2018CFF**

**Gasan Mamo Insurance Limited**
**Vs**
**Stephen Valletta**

**Illum 30 ta' Mejju, 2019**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex il-konvenut jigi kkundannat li jhallas lir-rikorrenti s-somma ta' hamest elef mija u sebgha u ghoxrin Euro u disgha u erbghin centezmu (€5,527.49) liema somma tinkludi l-ammont ta' mitejn u disghin Euro (€290) mhallsa bhala 'Excess' mir-rikorrenti, Tatyana Valletta, rapprezentanti danni sofferti mir-rikorrenti in segwitu ghall-incident illi sehh fit-3 ta' Lulju, 2012, f'Triq l-Alka San Pawl il-Bahar meta l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BBX 121 proprjeta' tar-rikorrenti Tatyana Valletta, soffriet danni waqt illi kienet ipparkjata fit-Triq imsemmija liema danni rrizultaw unikament bhala rizultat da part ital-intimat, billi kkawza hsarat doluzi u volontarji fuq il-vettura bin-numru ta' registrazjoni BBX 121. L-intimat huwa unikament responsabbli ghad-danni subiti mir-rikorrenti u dana minhabba negligenza jew dolo da part ital-istess u dana kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittri ufficjali datati 19 t'Awwissu, 2013 u 3 ta' Marzu, 2015, l-intimat baqgha inadempjenti u ghalhekk kellhom jigu istitwiti l-proceduri odjerni.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tad-19 t'Awwissu, 2013 u tat-3 ta' Marzu, 2015 u bl-imghaxijiet mid-19 ta' Awwissu, 2013 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut gie notifikat fit-2 t'April, 2018 pero' la deher u lanqas ipprezenta risposta fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2019.

Rat li fl-istess seduta, is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenut.

Rat li fis-seduta sussegwenti tat-30 ta' Mejju, 2019, il-konvenut imsejjah tlett darbiet rega' naqas li jidher, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta' attrici ghandha titqies bhala mistqarr.

Konsegwentement, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u tordna lill-konvenut ihallas is-somma ta' hamest elef hames mija u sebgha u ghoxrin Euro u disgha u erbghin centezmu (€5,527.49) bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficcjali tad-19 t'Awissu 2013 u tat-3 ta' Marzu 2015 u bl-imghaxijiet legali li jibdew jidekkori mid-data tad-19 t'Awissu 2013 sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**